**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 3 ta' Novembru 2016**

**Fl-atti ta' l-allegazzjoni ta' ġenn fl-ismijiet**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Jonathan Baldacchino**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell ta' Jonathan Baldacchino mill-verdett tal-ġurati (mogħti fl-1 ta' Mejju 2014) u mid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali (mogħtija fl-istess jum) dwar l-allegat stat ta' genn ta' l-istess Baldacchino fi żmien l-allegati reati, u cioe` "f'xi ġranet bejn Lulju u Settembru 2012 u anke fix-xhur ta' qabel". Għall-aħjar intendiment ta' din is-sentenza, tajjeb li jiġi riassunt fil-qosor l-*iter* ta' dan il-każ.

**2**. Jonathan Baldacchino tressaq b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fis-6 ta' Ġunju 2013 akkużat talli f'xi ġranet bejn Lulju u Settembru 2012, u anke fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu li jiksur l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda: (1) b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, biex jagħmel qliegħ għalih jew għal persuni oħra, ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Paul Nice; (2) fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; (3) fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement għamel użu mill-istes atti, skritturi jew kitba falza. Għal dawn l-imputazzjonijiet Jonathan Baldacchino, li kien dejjem assistit legalment, wiegeb (quddiem il-Qorti Istruttorja – fol. 11 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni) li "jirriżerva".

**3.** Fl-istess jum tas-6 ta' Ġunju 2013, id-difiża rrilevat li minkejja li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat Jonathan Baldacchino kienu qed jiġu kontestati, huwa kien qiegħed jeċċepixxi illi fiż-żmien ta' l-allegati reati, l-istess imputat kien fi stat ta' ġenn tal-moħħ temporaneju u għalhekk ma kellux il-*mens rea* neċessarja biex jikkommetti reati kriminali hekk kif tirrikjedi l-liġi, inkluż dawk ir-reati addebitati lilu fl-akkuża odjerna. F'dik l-udjenza l-Qorti Istruttorja, wara li rat l-artikolu 402(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ħatret lil Dr. David Cassar, Dr. Ethel Felice u Dr. Joe Vella Baldacchino bħala esperti psikjatri. B'rikors tat-18 ta' Ġunju 2013, Dr. David Cassar talab li jiġi eżentat mill-inkarigu minħabba pressjoni ta' xogħol. Din it-talba ġiet akkordata b'digriet tal-21 ta' Ġunju 2013 mingħajr sostituzzjoni.

**4.** Fis-16 ta' Jannar 2014, il-kulleġġ peritali ppreżenta u ħalef ir-relazzjoni tiegħu (Dok. EF1 a fol. 22 sa 33). F'din ir-relazzjoni huma kkonkludew :

> **"li ma hemmx evidenza li fil-perijodu tal-allegat reat is-Sur Jonathan Baldacchino kien qed ibati minn xi kundizzjoni li timmenomalu l-kapaċita`** ***di intendere e di volere*** **(jiġifieri stat ta' ġenn jew psikożi)."**

**5.** Fit-30 ta’ Jannar 2014 Jonathan Baldacchino ppreżenta rikors quddiem il-Qorti Istruttorja fejn iddikjara li ma kienx qiegħed jaqbel mar-rapport ta’ l-esperti psikjatri u talab, b’referenza għall-artikolu 402(5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex dik il-Qorti tordna lill-Avukat Ġenerali jintavola rikors quddiem il-Qorti Kriminali u jġib din il-kwistjoni quddiem dik il-Qorti skont l-artikoli 620, 627 u 628 ta’ l-istess Kap. 9. Dakinhar stess, il-Qorti Istruttorja, *seduta stante*, ordnat notifika ta’ l-imsemmi rikors lill-Avukat Ġenerali ai termini ta’ l-artikolu 402(5) imsemmi.

**6.** L-Avukat Ġenerali ntavola tali rikors fl-4 ta’ Frar 2014 quddiem il-Qorti Kriminali. B’digriet tal-11 ta’ Frar 2014 dik il-Qorti nnominat lil Dr. George Debono, Dr. Joseph Spiteri u Dr. Jean Pierre Giorgio sabiex jeżaminaw klinikament lil Jonathan Baldacchino filwaqt li awtorizżathom li jkollhom aċċess għall-*case-history* tiegħu f’kull sptar jew klinika f’Malta kif ukoll għall-atti ta’ dawn il-proċeduri. Ir-rapport tagħhom ġie ppreżentat fir-reġistru tal-Qorti Kriminali fl-14 ta’ April 2014. Fl-istess jum Jonathan Baldacchino ppreżenta permezz ta’ nota, rapport psikjatriku ta’ Dr. Mark Xuereb, il-psikjatra kuranti tiegħu.

**7.** Il-kwistjoni li għalhekk kellha quddiemha l-Qorti Kriminali, u li kellha tiġi deċiża minn ġurija maħtura skont l-artikolu 627 imsemmi, kienet jekk fil-mument ta’ l-allegati reati Jonathan Baldacchino kienx fi stat ta’ ġenn għall-finijiet u effetti kollha ta’ l-artikolu 33(a) tal-Kodiċi Kriminali. Wara li semgħu l-provi, it-trattazzjoni u l-indirizz ta’ l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, il-ġurati, fl-1 ta’ Mejju 2014, iddikjaraw b’seba’ (7) voti favur u żewġ (2) voti kontra li kienu qed “isibu li Jonathan Baldacchino ma kienx fi stat ta’ ġenn skont il-liġi fil-mument li għamel dak deskritt fl-akkuża”. Dakinhar stess il-Qorti Kriminali ppronunzjat ruħha, *inter alia*, hekk:

> **“Rat il-verdett tal-gurija tal-1 ta’ Mejju 2014 li bih b’7 voti favur u 2 voti kontra sabu li Jonathan Baldacchino ma kienx fi stat ta’ ġenn skont il-liġi fil-mument li għamel dak deskritt fl-akkuża;**
>
> **“Rat l-art. 33(a), 402, 620, 627 u 628 tal-Kodiċi Kriminali;**
>
> **“Għalhekk tiddikjara illi Jonathan Baldacchino ma kienx fi stat ta’ ġenn meta seħħew l-allegati reati. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ghall-kontinwazzjoni tal-proċeduri fil-konfront tiegħu.”**

**8.** Fit-22 ta’ Mejju 2014 Jonathan Baldacchino appella mill-verdett u deċiżjoni msemmija u talab li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla l-verdett u sentenza appellata jew, alternattivament, tordna li jerġa’ jiġi proċessat. L-aggravji tiegħu huma li kien hemm interpretazzjoni jew applikazzjoni ħażina tal-liġi li seta’

kellha influwenza fuq il-verdett, li kien hemm irregolaritajiet matul il-kawża li seta' kellhom influwenza fuq il-verdett, u li ġie misjub ħażin li ma kienx fi stat ta'ġenn fuq il-fatti tal-kawża.

**9.** Qabel xejn, pero`, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-eċċezzjonijiet imqajma mill-Avukat Ġenerali fir-risposta tiegħu tad-9 ta' Diċembru 2014, u cioe` fl-ewwel lok li l-ġurin ma kellux isir u, fit-tieni lok, jekk dan kien legalment sostenibbli, l-appell huwa rritu u null.

**10.** Dwar l-ewwel eċċezzjoni, l-Avukat Ġenerali jirreferi għas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 402 tal-Kodiċi Kriminali u jgħid li skont dan is-subartikolu "jispetta lill-Avukat Ġenerali illi kemm-il darba ma jaqbilx mal-fehma tal-periti dwar il-ġenn tal-imputat <u>(ossia meta jkunu sabu li l-imputat kien fi stat ta' ġenn)</u>, b'rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Kriminali iġib il-kwistjoni quddiem dik il-Qorti, u jitlob li titmexxa skont l-Artikoli 620, 627 u 628 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta" (sottolinear ta' din il-Qorti).

**11.** Din il-Qorti taqbel ma' dak li jgħid l-Avukat Ġenerali illi l-ġurin ma kellux isir, peress illi l-artikolu 402(5) tal-Kodiċi Kriminali jittratta dwar fejn il-periti maħtura mill-Qorti Istruttorja jkunu kkonkludew li l-imputat kien fi stat ta' ġenn [fit-test Ingliz: *"the finding of the experts that the accused was insane"*. Inoltre s-subartikolu (5) jsegwi minn dak li jipprovdi s-subartikolu (4): **"Jekk mir-rapport tal-periti jinsab li l-imputat kien <u>miġnun fiż-żmien tar-reat</u>, il-qorti tordna li l-atti tal-kompilazzjoni jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien imsemmi fis-subartikolu (3) tal-aħħar artikolu qabel dan, u tagħti l-provvediment imsemmi fl-artikolu 623"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Fil-każ odjern il-periti kkonkludew li l-imputat ma kienx fi stat ta' ġenn. Dan ifisser li l-Avukat Ġenerali ma kellu xejn x'jikkontesta skond l-imsemmi artikolu filwaqt illi l-imputat ma setax jippreżenta rikors sabiex jikkontesta dik il-konklużjoni.

**12.** Ġara iżda illi l-imputat ippreżenta rikors quddiem il-Qorti Istruttorja fit-30 ta' Jannar 2014 (ara para 5 *supra*) sabiex jikkontesta tali konklużjoni u dik il-Qorti ordnat li r-rikors jiġi notifikat lill-Avukat Ġenerali "ai terminu tal-artikolu 402(5)". L-Avukat Ġenerali, minflok ma kkontesta t-talba ta' l-imputat, mill-ewwel ġab il-kwistjoni quddiem il-Qorti Kriminali b'rikors ippreżentat fl-4 ta' Frar 2014 (ara para 6 s*upra*). Ġaladarba l-Avukat Ġenerali naqas milli jikkontesta t-talba ta' l-appellant biex jikkontesta l-konklużjoni peritali, ma jistax issa f'dan l-istadju tardiv jirnexxi fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu meta kien hu stess illi ppropona r-rikors ai termini tal-*proviso* ta' l-art. 402(5) tal-Kodiċi Kriminali.

**13.** Permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu l-Avukat Ġenerali jgħid, *inter alia,* illi l-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdix għal appell minn verdett ta'

ġurin, u li r-rikors ta' appell kellu semmai jiġi intavolat fi żmien tlett ijiem tax-xogħol. L-Avukat Ġenerali jissottometti:

> "Illi, jiġi rilevat bir-rispett, illi r-rikors odjern ma jinkwadrax ruhu fil-parametri tal-Artikolu 499 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana stante illi dan l-artikolu jitkellem dwar dritt t'appell minn eċċezzjonijiet preliminari li jkunu ingħataw wara l-qari tal-att tal-akkuża. Filwaqt illi l-istess artikolu, b'referenza ghall-Artikolu 449(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti dritt t'appell lill-akkużat minn kull deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tal-ġenn tal-akkużat fiż-żmien tar-reat, huwa ċar u manifest illi dan l-artikolu qiegħed jirreferi għall-istadju quddiem il-Qorti Kriminali meta din l-istess Qorti tkun tat deċizjoni dwar eċċezzjoni preliminari f'dan is-sens – xi ħaġa li ma tirriżultax f'dan il-każ. Inoltre, is-sub-inċiż (4) tal-Artikolu 499 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fuq imsemmi, jipprovdi illi appell skont dan l-artikolu irid isir fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni appellata, u wara li l-appellant prospettiv ikun ta avviż t'appell minnufih wara li tkun ingħatat deċiżjoni tal-Qorti – xi haġa li evidentement ma ġratx f'dan il-każ;
>
> "Illi, l-Artikoli 500 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, imbagħad, jipprovdu dwar id-dritt t'appell tal-akkużat lill-Qorti tal-Appell Kriminali minn dikjarazzjoni ta' ħtija u/jew piena mogħtija mill-Qorti Kriminali, u l-proċedura li għandha tiġi adoperata f'dan ir-rigward. Fil-każ odjern, verdett ta' ġurin ċertament li ma jammontax għal dikjarazzjoni ta' ħtija ai termini ta' dan l-artikolu;
>
> "Illi, effettivament, it-titolu V tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, intitolat *"Fuq il-Qorti tal-Appell Kriminali"* imkien ma jipprovdi għal appell quddiem din l-Onorabbli Qorti minn verdett ta' ġurin. Fl-umli fehma tal-esponent ir-raġuni għal dan hija ċara, u cioe` li l-ġurin huwa forma t'appell/*review* fih innifsu. Dana għaliex, kif ġie rilevat aktar il-fuq f'din l-umli risposta, ai termini tal-artikolu 402(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-ġurin jista' jintalab mill-Avukat Ġenerali jew l-akkużat kemm il-darba ma jkunux iridu joqogħdu ghall-fehma tal-esperti nominati mill-Qorti li jkunu iddikjaraw li l-imputat kien miġnun fiż-żmien tar-reat. Kwindi, l-istituzzjoni tal-ġurin hija fiha innifisha istituzzjoni ta' *review*, u għaldaqstant jagħmel sens li l-liġi nostrana ma tipprovdix għall-appell minn ġurin".

**14.** L-ewwelnett l-Avukat Ġenerali m'għandux raġun jgħid li minn ġurin m'hemmx dritt ta' appell. Dan id-dritt hu mogħti mill-artikolu 499(2) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi:

> **"(2) Jista' jsir appell ukoll fuq talba tal-akkużat minn kull deċiżjoni mogħtija fuq rikors tal-Avukat Ġenerali skont l-artikolu 402(5) jew minn kull deċiżjoni mogħtija wara l-qari tal-att tal-akkuża u qabel ma l-akkużat iwieġeb jekk hux ħati jew le fuq kull waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449(1)(*e*) u (*f*)"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-każ odjern, l-appellant, kif ingħad (*supra* para. 11), ma kellux dritt jipprevalixxi ruħu mill-artikolu 402(5) tal-Kodiċi Kriminali, iżda għar-raġunijiet ġa` msemmija (*supra* para. 11 u 12) l-Avukat Ġenerali ma jistax f'dan l-istadju iqajjem din il-kwistjoni. Konsegwentement, una volta ngħatat id-deċiżjoni mill-Qorti Kriminali wara l-verdett tal-ġurati, l-appellant seta' jintavola appell skont is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 499 imsemmi.

**15.** Din il-Qorti, pero`, qed tirreferi wkoll għas-subartikoli (3) u (4) ta' l-artikolu 499 imsemmi li jipprovdu hekk:

> **"(3) Meta l-Avukat Ġenerali jew, skont il-każ, l-akkużat ikun irid jappella skont is-subartikolu (1) jew (2) huwa <u>għandu jagħti avviż ta' appell permezz ta' nota minnufih wara li tiġi mogħtija d-deċiżjoni tal-qorti</u> u wara dan il-qorti, jekk ikun il-każ, għandha tissospendi proċeduri oħra sa l-egħluq iż-żmien mogħti kif hawnhekk iżjed 'il quddiem provdut għall-appell jew, jekk isir appell, sad-deċiżjoni tiegħu mill-Qorti tal-Appell Kriminali.**
>
> **"(4) Appell skont is-subartikolu (1) jew (2) jsir b'rikors preżentat fil-Qorti tal-Appell Kriminali <u>fi żmien tliet ijiem tax-xogħol</u> mid-data tad-deċiżjoni appellata"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

**16.** Dawn iż-żewġ subartikoli kjarament jistabilixxu żewġ kondizzjonijiet biex jista' jiġi ntavolat appell: (1) li jekk l-akkużat ikun irid jappella, għandu jagħti avviż ta' dan permezz ta' nota minnufih wara li tingħata d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali, u (2) li l-appell jiġi ntavolat fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni appellata.

**17.** Din il-Qorti eżaminat l-atti tal-Qorti Kriminali u minnhom ma jirriżultax illi n-nota ta' avviż ta' appell ġiet preżentata. Inoltre, filwaqt illi d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali ngħatat fl-1 ta' Mejju 2014, ir-rikors ta' appell ġie ntavolat fit-22 ta' Mejju 2014, ħmistax-il jum tax-xogħol wara l-imsemmija deċiżjoni.

**18.** M'hemmx dubju illi l-kondizzjoni li tiġi preżentata n-nota msemmija hija meħtieġa a*d validitatem* u li t-terminu msemmi huwa wieħed fatali. L-appellant naqas milli josservahom.

**19.** L-artikolu 499 tal-Kodiċi Kriminali għandu forma ta' *saving clause* li huwa s-subartikolu (7) li jipprovdi:

> **"(7) In-nuqqas tal-akkużat li jappella skont dan l-artikolu ma jippreklidihx milli jqanqal il-kwistjoni li seta' jqanqal b'appell tali f'appell li jista' jagħmel skont l-artikolu ta' wara dan."**

**20.** L-artikolu 500 tal-Kodiċi Kriminali, pero`, jirrigwarda appelli li jistgħu jsiru minn persuni misjuba ħatja fuq Att ta' Akkuża **"kontra d-dikjarazzjoni ta'**

**ħtija tagħha fil-każijiet kollha jew kontra s-sentenza mogħtija fuq id-dikjarazzjoni ta' ħtija tagħha kemm-il darba s-sentenza ma tkunx waħda iffissata bil-liġi"**. Għalhekk is-subartikolu (7) ma japplikax għall-każ odjern.

**21.** Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti hi prekluża milli tieħu konjizzjoni tar-rikors ta' appell ta' Jonathan Baldacchino peress illi huwa rritu u null.

**22.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiddikjara l-appell ta' Jonathan Baldacchino irritu u null, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu. Tordna li l-atti jintbagħtu lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja għall-kontinwazzjoni tal-proċeduri fil-konfront ta' l-istess Jonathan Baldacchino.

...